# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru 1167/2011 FDP**

Fl-ismijiet

**Attard John**

**vs**

**Grace Gatt u Lourdes Castillo**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 24 ta' Novembru 2011, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti ngaħħa s-servizzi tal-intimati fil-kapaċita` tagħhom ta' nvestigaturi privati;*

    2. *Illi r-rikorrenti jallega li l-intimati pero` ngannawh peress li jirriżultalu li r-rappreżentazzjonijiet tagħhom kienu foloz u nveritieri;*

    3. *Illi riżultat tal-istess, ir-rikorrenti ħallashom is-somma ta' ħdax–il elf, tlett mija u erbgħin Lira Maltin, (LM 11,340.00), ekwivalenti għal sitta u għoxrin elf, erba' mija u ħmistax–il Ewro (€26,415.00);*

4. *Illi in oltre r-rikorrenti wkoll jallega li l-intimati ħadulu b'ingann, bi frodi u b'malafede, s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt Lira Maltin, (LM27,500.00), ekwivalenti għal erbgħa u sittin elf u ħamsa u sebgħin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu, (€64,075.77);*

5. *Illi di piu`, l-intimati ħadu wkoll mingħand ir-rikorrenti s-somma addizzjonali ta' sittin elf Lira Maltin, (LM60,000.00), ekwivalenti għal mija, disgħa u tletin elf seba' mija u tnejn u sittin Ewro u erbgħin ċenteżmu, (€139,762.40);*

6. *Illi l-ammont totali hekk karpit hu allura ta' mitejn u tletin elf, mitejn u ħamsa u tletin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu, (€230,235.27);*

*Illi konsegwenza tal-istess l-intimat qed jaderixxi din il-qorti biex:*

1. *Tordna u tikkundanna lill-intimati in solidum jew min minnhom biex jirrifondu lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn u tletin elf, mitejn u ħamsa u tletin Ewro, u sebgħa u għoxrin ċenteżmu, (€230,235.27), jew somma oħra verjuri karpit b'ingann, frodi jew pretenzjonijiet foloz;*

2. *Tikkundanna lill-intimati in solidum jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' disgħin elf, erba' mija u tnejn u sebgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu, (€90,472.86), ammont minnhom karpit mir-rikorrenti b'ingann, messa in scena u frodi;*

3. *Tikkundanna lill-intimata Lourdes Castillo tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u disgħa u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Ewro u erbgħin ċenteżmu, (€139,762.40), minnha karpit mir-rikorrenti taħt pretensjonijiet foloz, fabbrikati u b'ingann;*

2. Rat illi fit-19 ta' Diċembru 2011 l-konvenuti Grace Gatt u Lourdes Castillo irrispondew għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

1. *Illi t-talbiet huma preskritti skont l-artikolu 1222 tal-Kap 16;*

2. *Illi ma kien hemm l-ebda messa in scena jew qerq ieħor kif allegat;*

3. *Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-fatti dikjarati mir-rikorrenti huma inveritieri jew komodament maħluqa;*

**Provi:**

3. Rat li fil-5 ta' Lulju 2012 ngħatat sentenza preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fejn l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ġiet miċħuda.

4. Rat ix-xhieda viva voce ta' **PC 443 Vincent Mifsud** mogħtija fis-7 ta' Frar 2013 (fol 42).

5. Rat ix-xhieda viva voce ta' **Maria Agius** mogħtija fis-7 ta' Frar 2013 (fol 43).

6. Rat li ġiet eżebita kopja tal-proċess tal-kawża Kriminali fil-ismijiet Il-Pulizija vs Lourdes Castillo (fol 50 et seq).

7. Rat ix-xhieda viva voce ta' **John Attard** mogħtija fid-9 ta' Jannar 2014 (fol 370).

8. Rat ix-xhieda viva voce ta' John Attard riprodott u mogħtija fis-6 ta' Marzu 2014 (fol 374).

9. Rat ix-xhieda viva voce ta' **Lourdes Castillo** mogħtija fid-9 ta' Frar 2016 (fol 387).

10. Rat li ġiet eżebita kopja legali tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet '*Il-Pulizija vs Lourdes Castillo'* (fol 394).

11. Rat li ġew eżebiti transcripts ta' xhieda mogħtija minn Lourdes Castillo fit-2 ta' April 2014 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja (fol 424).

12. Rat ix-xhieda in kontro-ezami ta' Lourdes Castillo (fol 437).

13. Rat li ġiet eżebita kopja legali ta' sentenza datata 19 ta' Ottubru 2017 '*Il-Pulizija vs Grace Gatt*' (fol 456).

14. Rat l-affidavit ta' **Grace Gatt** (a fol 476).

15. Semgħet ix-xhieda ta' Grace Gatt mogħtija fit-13 ta' Novembru 2019 (a fol 504-507).

16. Semgħet il-kontro ezami ta' Grace Gatt moghtija fil-5 ta' Frar 2020.

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' John Attard ippreżentata fil-21 ta' Mejju 2020 (fol 514).

18. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Grace Gatt ippreżentata fil-25 ta' Settembru 2020 (fol 565).

19. Rat illi fil-25 ta' Settembru 2020 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

20. Jirriżulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi r-rikorrent John Gatt, wara li ra riklam f'ġurnal lokali fl-2004, kien avviċina lill-intimati sabiex jaġixxu ta'

investigaturi privati in konnessjoni ma' mara, ossija Maria Agius, li fiha huwa kien interessat, u li kienet taħdem miegħu.

21. Jirriżulta illi l-intimati kienu taw l-impressjoni u ppreżentaw ruħhom bħala li awtorizzati jaġixxu ta' investigaturi privati, meta attwalment irriżulta, fil-mori tal-proċeduri odjerni, li dan ma kienx minnu. Fil-fatt, jirriżulta mix-xhieda ta' PC 443 Vincent Mifsud ikkonferma li l-intimati ma kellhomx liċenzja u ma kinux awtorizzati jaġixxu bħala investigaturi privati.

22. Jirriżulta wkoll, mill-provi prodotti quddiem il-Qorti, illi r-rikorrent ħallas somom ta' flus lill-intimati għal servizzi investigattivi illi l-intimati kienu jistqarru li għamlu, meta attwalment ma għamlu ebda servizzi investigattivi u kienu biss inventaturi u messi in xena.

23. Jirriżulta illi, apparti l-proċeduri odjerni, nbdew proċeduri kriminali fil-konfront ta' l-intimati.

24. Jirriżulta, di fatti, illi l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali, tat żewġ sentenzi fil-konfront ta' Lourdes Castillo u Grace Gatt rispettivament, li ġew deċiżi fid-19 ta' Settembru 2012 mill-Maġistrat (illum Imħallef) Edwina Grima u fid-19 ta' Ottubru 2017 mill-Maġistrat Doreen Clarke (Pg 456) . Fiż-żewġ sentenzi, l-intimati nstabu ħatja li kkommettew ir-reat ta' truffa fil-konfront ta' John Attard, u dana ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap 9.

25. Jirriżulta li ż-żewġ sentenzi ġew appellati. L-ewwel sentenza appellata illi kienet ingħatat fil-konfront ta' Lourdes Castillo ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, fejn ikkonfermat li jeżistu biżżejjed provi dwar ir-reat tat-truffa. Iżda s-sentenza ġiet riformata biss dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-Kap 9 għal dak li jirrigwarda restirtuzzjoni ta' dak akkwistat bi frodi, fejn l-ammont ta' Lm40,000 (€93,000) oriġinalment likwidat tnaqqas għal Lm35,000 (€81,528) (Pg 412).

26. Jirriżulta li l-każ l-ieħor li ġie appellat fil-konfront ta' Grace Gatt għadu sub judice.

## Ikkunsidrat

27. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jilmenta li sofra ngann permezz ta' messa in xena u frodi da parti tal-konvenuti, fejn taħt pretensjonijiet foloz huwa ħallas lilhom l-ammont ta' LM 98,840 llum ekwivalenti f' € 230,235.27. Għalhekk, permezz tal-proċeduri odjerni, r-rikorrent qed jitlob li l-intimati, in solidum jew min minnhom, jiġu kkundannati jħallsu l-ammont ta'  € 230, 235.27. Di piu`, talab ukoll tramite t-tieni u t-tielet talba, li l-konvenuti jħallsu lura s-somom ta'  LM 11,340 flimkien ma' LM 27,500, ekwivalenti għal € 90,472.86, kif ukoll l-ammont ta' LM 60,000 ekwivalenti għal (€ 139,762.40), rappreżentanti l-ammonti karpiti taħt fabbrikazzjonijiet foloz u b'ingann.

28. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konvenuti qajmu bħala difiża l-argument li ma kien hemm l-ebda messa in xena jew qerq ieħor kif qed jiġi allegat mir-rikorrent filwaqt illi nsistew illi t-talbiet odjerni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li fatti dikjarati mir-rikorrent huma inveritjeri jew komodament maħluqa. Ebda referenza ma qatt saret għas-sentenzi kriminali fuq imsemmija u dak fihom ordnat, la' waqt l-andament tal-proċess u wisq anqas fis-sottomissjonijiet finali, u dana sad-data tas-sentenza.

## Meritu tal-każ

29. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti qabbad lill-intimati jagħmlulu investigazzjoni dwar persuna wara illi ngħata x'jifhem illi l-intimati kienu jipprovdu servizzi ta' investigaturi. Jirriżulta, madanakollu, li PC443 Vincent Mifsud xehed f'dan il-każ u kkonferma l-intimati ma kellhomx licenzja ta' investigaturi privati.

30. Ir-rikorrent qed isostni li l-ingann ta' l-intimati seħħ fi tlett istanzi differenti:

    a. L-intimati ppreżentaw lilhom infushom bħala persuni awtorizzati li jaqdu l-funzjonijiet ta' investigaturi privati meta ma kinux awtorizzati jagħmlu dan u ħadu l-ammont ta' Lm 11,340 ekwivalenti għal € 26,415 għal servizz illi huma qatt ma rrendew u qatt ma setgħu jipprovdu legalment.

    b. L-intimati ffabrikaw storja illi omm ċertu Cassandra Caruana kienet qed thedded li jekk ir-rikorrent ma jtihiex somma flus, kienet ser tagħmel kwerela kontra tiegħu talli hu kien qed jibgħat messaġġi provokattivi lil bintha Cassandra Caruana, li dak iż-żmien kienet għadha minuri. Permezz ta' din il-messa in xena b'ingann u frodi u mala fede ħadu is-somma ta' Lm 27,500 ekwivalenti għal € 64,057.77 fi flejjes illi huma qalulu li kienu qed jingħaddew biex il-kwistjoni tinżamm mistura.

    c. L-intimati vvintaw storja fittizja li ċerta Joseph Busuttil, li kien jaħdem fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, kien ser iħallas somma lil Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, Dr Louis Galea, sabiex ikeċċu lir-rikorrent mix-xogħol. Konsegwenza ta' din l-istorja fittizja induċew lir-rikorrent jgħaddilhom l-ammont ta' Lm 60,000 ekwivalenti għal € 139,762.40 .

31. Jirriżulta illi, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati "Il-Pulizija vs Lourdes Castillo" mogħtija waqt il-mori tal-proċeduri odjerni, l-intimata Lourdes Castillo instabet ħatja ta' truffa ai termini tal-artikolu 308 tal-Kap 9 u ta' rikatt ai termini tal-artikolu tal-Kap 9. Il-Qorti ta l-Appell Kriminali, permezz ta' sentenza datata 10 ta' Jannar 2014, ikkonfermat il-ħtija ta' Lourdes Castillo filwaqt illi rriduċiet l-ammont pagabbli a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 minn Lm 40,000 għal Lm 35,000 u dana li kkonkludiet, bħall-Ewwel Qorti, li fil-proċess jissussistu provi biżżejjed dwar it-truffa.

32. Jirriżulta wkoll illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati "Il-Pulizija vs Grace Gatt" datata 19 ta' Ottubru 2017 l-intimata Grace Gatt nstabet ħatja ta' reat ta' truffa ai termini ta l-artikolu 308 tal-Kap 9, u ai termini ta l-artikolu 28H ġiet ordnata tħallas lil John Attard is-somma ta' € 102,492 ekwivalenti ghal LM 44,000. Din is-sentenza għada sub judice.

33. Jiġi osservat illi min eżami akkurat tas-sentenzi eżebiti kif ukoll provi prodotti, jirriżulta ċar u mingħajr dubju li ngħaddew flus mir-rikrorent lill-intimati fuq il-każ fejn kienet involuta l-minuri Cassandra Caruana u kif ukoll li għaddew il-flus fuq il-kwistjoni tal-messa in xena dwar it-tkeċċija mill-post tax-xogħol ta' John Attard. Għalhekk jidher mingħajr ebda dubju li s-somom ta' flus imsemmija fiż-żewġ istanzi (b) u (c) hawn fuq imsemmija evidentament għaddew lill-intimati u dana taħt pretiżi foloz u qarrieqa ta' l-intimati.

34. Il-Qorti tosserva illi minn eżami tal-provi, l-verżjonijet mogħtija mir-rikorrent u mill-intimati huma kunfliġġenti.

*35.* Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Xuereb et vs Gauci et** deċiża mil-Qorti ta l-Appell Inferjuri fl-24 ta Marzu 2004 fejn il-kwistjoni ta' kunflitt ta' provi fil-kamp ċivili ġie diskuss u ntqal is-segwenti:

> "*Huwa paċifiku f'materja ta' kunflitt ta' verżjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: 1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra: 2) fin-nuqqas, li tiġi applikata il-massima "**actore non probante reus absolvitor**."*

36. Fil-każ **George Bugeja vs Joseph Meilaq** deċiża mil-Prim Awla Qorti Ċivili fil-Prim' Awla fit-30 ta' Ottubru 2003, intqal is-segwenti:

> "*Fil-kamp Ċivili, għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, inkwantu u ma' dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għal konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-proponderanza tal-probabbilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-Kamp Kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli.*"

37. Huwa ċar, għalhekk, illi fil-każ odjern, ladarba ninsabu fil-kamp Ċivili, il-Qorti trid tiddeċiedi appuntu fuq il-proponderanza tal-probabbilitajiet, u dana billi tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra, u dana fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, sabiex b'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatorja tad-dubju u ssib refuġju

mir-regola "in dubbio pro reo". (**Enrico Camilleri vs Martin Borg**, Appell Inferjuri deċiż fis-17 ta Marzu 2003: ara wkoll **Catherine Cali Vincenti vs Stephen Cali** deċiża mil-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu 2018.)

38. Fil-fatt fil-każ **Ciantar vs Curmi noe** deċiż fit-28 ta' April 2003 ġie affermat:

> "*Huwa ben magħruf materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi għandhom iħallu l-Qorti f'dak l-stat ta' perplessita li minħabba fihom ma tkunx tista' tiddeċiedi kuxjenza kwieta jew ikollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo*."

39. Il-Qorti tosserva li, fil-każ in eżami hemm provi kontrastanti, u dana anke kif jirriżulta fl-atti tal-Qorti Kriminali.

40. Fir-rigward ta' l-ewwel istanza ta' ingann imsemmi mir-rikorrenti, ir-rikorrent sostna li huwa għadda l-ammont ta' Lm 11,340 għal investigazzjoni filwaqt li minn naħa l-oħra Grace Gatt sostniet li rrifondiet lura dawn il-flus lil John Attard. Madanakollu, minn qari akkurat tal-fatti kif deskritti, l-verżjoni ta' John Attard hija ferm aktar verosimili minn ta' Grace Gatt, anke in vista tal-fatt illi l-istess Gatt ma pprovdiet xejn fl-atti li jissostanzja ir-rifużjoni ta' din is-somma.

41. Fir-rigward tat-tieni istanza ta' ingann, Grace Gatt ċaħdet li qatt ħadet flus għall-messa in xena tal-minuri Cassandra Caruana fix-xhieda tagħha tal-Qorti tal-Maġistrati (fol 123). Minn naħa l-oħra Lourdes Castillo, fl-istqarrija li tat lill-iSpettur, illum Kummissarju tal-Pulizija, Angelo Gafa, sostniet li Grace Gatt kienet qalet li John Attard issellef flus mingħand diversi nies fosthom mingħand ċertu Noel tal-karozzi (fol 112). Fl-istqarrija tagħha lil Angelo Gafa, Lourdes Castillo ikkontradixxiet il-verżjoni tagħha tax-xhieda f'dan il-każ stante li fl-istqarrija lil Gafa kienet ammettiet li John Attard ħallas il-flus għal din l-istorja wara li l-stess Attard kien bagħat messaġġi provokattivi lil Cassandra Caruana.

42. Fir-rigward it-tielet istanza ta' ngann, hemm ukoll jeżistu wkoll provi konfliġġjenti. Dwar din il-messa in xena li tikkonċerna il-kollega tar-rikorrent, John Busuttil, ix-xhieda tal-Ministru Louis Galea u x-xufiera Mario Pace u Mario Polidano fil-proċeduri Kriminali jiskreditaw il-verżjoni ta' Grace Gatt. Jirriżulta wkoll li fuq din il-kwistjoni kemm Grace Gatt u Lourdes Castillo jagħtu xhieda dijametrikament opposta għall-istess xhieda tagħhom li kienu taw preċedentement lill-Ispettur Angelo Gafa. Saħansitra tinnega s-sehem tagħha f'din il-messa in xena. Is-sehem ta' Lourdes Castillo joħroġ ukoll mit-traskrizzjonijiet telefoniċi fejn jidher li Castillo kienet qed tinstiga lil John Attard joħroġ aktar flus sabiex jilħaq l-ammont ta' Lm 60,000.

43. Għalhekk jidher ċar illi, a differenza ta' dak li qed jistqarru l-intimati, r-rikorrent safa vittma ta' messa in xena evidentement kommessa miż-żewġ intimati in segwitu għal messa in xena fejn kienet involuta l-minuri Cassandra Caruana. Illi anke kif ritenut fis-sentenza ta' l-Appell Kriminali fir-rigward ta' Lourdes Castillo, kif deċiża fl-10 ta' Jannar 2014: "*din il-Qorti taqbel għal kollox ma' l-Ewwel Qorti*

*fejn din qalet li l-provi prodotti ... ix-xufier, is-security guard u l-eks Ministru nnifsu kollha jgħidu li lanqas biss jafu lil appellanti.*"

44. Mis-suespost jidher ċar li l-verżjoni ta' John Attard hija korraborata u aktar verosimili mill-verżjoni ta' l-intimati. Bla ebda dubju jidher ukoll li l-intimati bdew jikkontradixxu lilhom infushom matul l-andament tal-provi. Kemm Grace Gatt u kif ukoll Castillo jippruvaw jiddisassoċjaw ruħhom mid-diversi istanzi ta' ingann. In oltre, meta ġew ingaġġati minn John Attard oriġinarjament huma assigurawh li l-funzjoni tagħhom kienet ta' investigaturi privati meta fil-fatt huma ma kinux awtorizzati u liċenzjati biex jaħdmu bħala investigaturi privati.

45. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-ingann da parti ta' l-intimati beda sa minn meta ltaqgħu l-ewwel darba mar-rikorrent. Dwar in-nuqqas ta' kredibilita`, anke l-Qorti tal-Maġistrati, fil-każ 'Il-Pulizija vs Grace Gatt', kellha xi tgħid, fejn osservat is-segwenti:

> *"Illi fil-fatt hemm kunflitti fil-verżjonijiet mogħtija minn Attard u l-imputata pero' fil-fehma tal-Qorti dan il-kunflitt huwa riżolvibbli u l-Qorti hija konvinta li tista' tagħti kredibilita lil John Attard. Dan mhux sempliċiment għax huwa kien bejn wieħed u ieħor konsistenti fil-verżjoni tiegħu mogħtija minn żmien għal żmien imma aktar u aktar meta wieħed iqis li huwa ġie korroborat kważi fl-asserzjonijiet kollha li għamel mill-persuni konċernati. L-ewwel u qabel kollox żgur għandha ssir referenza għad-depożizzjoni ta' Lourdes Castillo li mhux biss ikkonfermat dak li qal Attard imma anke kkonfermat l-involviment ta' l-imputata partikolarment fil-fatti li kienu jirrigwardjaw il-kwistjoni fuq il-post tax-xogħol ta' Attard."*

46. Fis-sottomissjonijiet tar-rikorrent issir riferenza ta' **l-Artikolu 1044, 1049 tal-Kodici Ċivili** fejn qed jiġi sottomess li l-ħsara bejn l-intimati hija in solidum. F'dan is-sens saret riferenza għall-każ **BOV Plc vs Josette Saliba u Alfred Williams** 584/2004 deċiża fis-16 ta' Jannar 2009.

47. Il-Qorti tosserva li l-**Artikolu 1049 (1) tal-Kodici Ċivili** jipprovdi: "*Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta din il-ħsara hija in solidum.*"

48. Fil-każ **Martin Scerri vs Joseph Rapa et** deċiża mil-Qorti ta' l-Appell 2013 ingħad hekk:

> "*Il-konvenut Carmelo Rapa jgħid is-solidarjeta` toħroġ mhux mill-kompliċita` fl-inċident iżda minn kompliċita` fl-att li jagħmel il-ħsara, u minn hekk jislet argument illi la darba huwa ma' kellux sehem fid-daqqa ta' brick li għamiet lill-attur, mela ma' jweġibx dik id-daqqa. Dan l-argument ta' l-attur huwa ħażin. L-Artikolu 1049 (2) jgħid ċar li huwa biss min ma jkunx mexa dolożament illi jwieġeb biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu ikun ikkaġuna, u li għalhekk għar-responsabbilta' tiegħu*

*tkun meħtieġa l-prova tal-kawża li ta, i.e. illi il-ħsara jkun ikkaġunaha hu. Min iżda jkun mexa dolożament iwieġeb ukoll għall-ħsara ikkaġunata minn min ikun mexa bl-istess ħsieb doluż tiegħu. Ma hemmx dubju illi ż-żewġ konvenuti mxew dolożament*." Ara wkoll **John Fitz u Shirley Gauci vs l-Avukat Anthony Rutter Giappone noe** deċiża mil-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-18 ta' Ottubru 2013 (790/2004).

49. Għalhekk, il-Qorti tosserva li ladarba saret il-prova tal-ħsara doluża, hekk kif stabbilita fis-sentenzi tal-Qorti Kriminali, teżisti s-solidarjeta' u għaldaqstant l-intimati għandhom iħallsu solidarjament bejniethom.

50. Ikkunsidrati dawna l-argumenti, l-Qorti tikkonkludi li, wara eżami tar-riżultanzi fattwali u ta' l-atti tal-każ, u wara li ġie osservat li ħadd ma ssolleva l-ebda punt dwar l-effetti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati fil-Ġudikatura Kriminali u s-sentenza ta' l-Appell Kriminali, tiddikjara li dak li ġie mħallas mir-rikorrent lil intimati għandu jiġi rifuż.

51. Tosserva wkoll illi, minn eżami tat-tlett talbiet tar-rikorrent, jiġi nnutat li fl-ewwel talba qed jintalbu r-radd lura tat-tlett somom imħallsa mir-rikorrent fi tlett episodji distinti ta' ngann kif imsemmi fil-premessi, filwaqt illi fit-tieni u tielet talba, qed jintalbu l-ħlas ta' l-istess flejjes, iżda separatament. Għalhekk, din il-Qorti se tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati għandhom iħallsu l-ammont ta' € 230,235.27 lil John Attard filwaqt illi ser tastjeni milli tieħu konsiderazzjoni tal-kumplament tat-talbiet.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-intimati, u dana għar-raġunijiet fuq spjegati.

**Tilqa'** l-ewwel talba u tordna u tikkundanna lil intimati Grace Gatt u Lourdes Castillo, in solidum bejniethom, sabiex iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' **mitejn, tletin elf, mitejn u ħamsa u tletin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€ 230,235.27)** (ekwivalenti għal Lm

98,840) liema ammont kien minnhom karpit mingħand l-attur b'ingann, u bi frodi kif ukoll taħt pretensjonijiet foloz.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba.

**L-ispejjeż**, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 2 ta' Awissu 2007, għandhom ikunu a kariku ta' l-intimati solidarjament bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur